MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1305/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**KONTRA**
**HENRY ANTHONY XUEREB**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

Henry Anthony Xuereb ta’ 70 sena, bin Walter u Winifred nee’ Gatt, mwieled Rabat fl- 1 ta’ Settembru 1941, residenti 26, Macen Court, Flat 10, Triq Sir George Borg, Sliema u detentur tal- Karta tal- IDentita’ bin- numru 568541M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) F’ Novembru 2009, fix- xhur u fis- snin ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn €2,329.37, ghad- dannu ta’ Robert Patrick Scott, detentur tal- Karta tal- IDentita’ 598037M;
2) Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad- detriment tal- persuni hawn fuq imsemmija;
3) Atkar talli kiser il- provvedimenti tal- Artikolu 28A et sequitor billi kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu b’ sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati datata 27 ta’ Frar 2009.

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 308, 309, 310, 293 u 294 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi fil- mori tal- kawza il- Qorti giet infurmata illi l- imputat gie nieqes, din il- Qorti tiddikjara dawn il- proceduri ezawriti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------